1 **MINUTI**

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 46

IL-ĠIMGĦA 27 TA' MEJJU 2016 FIL-4.20 TA' FILGĦAXIJA

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| LOUISE CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| MATTHEW DIMECH | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

- L Cachia Castelletti - *to amend* Punt 4

Approvati u iffirmati.

## 2. Kommunikazzjoni mis-Sindku

- Is-Sindku tkellem dwar il-perikolu li hemm fil-*junction* ta' Triq il-Watar ma' Triq il-Prinċipessa Margerita. Il-Kunsill qabel li jitlob lil Perit tal-Kunsill sabiex jgħati s-suġġerimenti tiegħu permezz ta' diżinji ta' *junction* ġdida sabiex din tkun ta' aktar sigurta kemm għas-sewwieqa hekk kif ukoll għall-persuni li jixtiequ jaqsmu t-triq.

## 3. Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-kontijiet.

Is-Sindku ressaq l-iskeda ta' pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni.
Il-kontijiet ġew approvati u iffirmati.

## 4. Jum Ta' Xbiex u Ġieħ Ta' Xbiex

Is-Sindku qal li min tlett applikazzjonijiet, hemm waħda biss li hi valida.
L-unika applikazzjoni valida hija ta' Arthur Podesta.

G Muscat irrefera għal punt numru 2 tar-regolamenti tal-Ġieħ, u qed jiproponi lis-Sin. Joice Mifsud għal-Ġieħ Ta' Xbiex, peress li kienet għalliema magħrufa fil-lokal. L Cachia Castelletti issekondat.

Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li jgħati il-Ġieħ lis-Sur Podesta u lis-Sin. Joice Mifsud.

Il-Kunsill qabel li Jum Ta' Xbiex jibda fis-6.30pm.

## 5. ***Tender* tal-manutenzjoni ta' bankini u toroq.**

Din il-materja kienet diġa ġiet deċiża fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li issir lista ta' xogħlijiet li jridu jsiru f'dak li għandu xjaqsam manutenzjoni ta' bankini.

## 6. ***Tender* proġett Triq il-Watar.**

Is-Segretarju spjega illi l-Perit tal-Kunsill ra l-unika *tender* li ġie mitfuħ. Huwa qal li l-prezz tat-*tender* huwa viċin ferm tal-istima oriġinali tiegħu u għaldaqstant il-prezz kwotat fit-*tender* huwa ġustifikat.

Il-Kunsill qabel li jgħażel l-unika offerta ta' *Deluxe Construction Ltd*.

## 7. **Approvazzjoni tal-aġġustamenti għal *audited financial statements*.**

L-*audited financial statements* ġew mressqa u spjegati mill-*accountant* tal-Kunsill.

Dawn ġew approvati.

## 8. **Monument Guardian Angel.**

Dwar dan il-monument, is-Sindku qal li ser issir *press conference* fil-ġranet li ġejjin.

Jidher iżda, li hemm bżonn insibu *sponsor* għall-kolonna ta' dan il-monument tal-*Guardian Angel*.

## 9. **Sistema tal-Ilma fix-Xatt**

Is-Sindku qal li *Rocca Santo Stefano* għandhom għajn tal-ilma li tgħati l-ilma lilll-persuni li jkunu qegħdin jimxu jew jiġru.

Is-Sindku kompla billi qal li ltaqa ma' imprenditur li diġa għandu ħwienet fil-lokalita', u li dan jixtieq jgħamel *partnership* mall-Kunsill sabiex hu jgħamel magna simili tal-ilma, iżda li hu jkun jista minnha ukoll ibieħ is-silġ. Il-Kunsill jaqbel sakemm ma jħallas l-ebda parti mill-ispiża kapitali.

## 10. Fanali Triq il-Prinċipessa Margerita.

Issewwa l-fanal li inkiser bi żball mill-ELC b'xejn.
Dan minflok inxtara wieħed ġdid li setgħa jiswa madwar Eur700.
Il-Kunsill ser jibgħat ringrazzjament lil Dott Cuschieri. Il-Kunsill faħħar ukoll kif ukoll kif sar iż-żbir tas-siġar f'dawn l-aħħar jiem.

## 11. Knis.

F Roe qal qed iqum kmieni filgħodu jiċċekja l-kennies. Is-Sindku qal li d-differenza fis-servizz tal-knis qed tidher. Sar kambjament għall-aħjar.

Is-Sindku qal jekk nistgħux naħsbulu nħallsu ftit aktar u nżidu l-frekwenza tal-knis. Il-Kunsill għandu jkellem lill-kuntrattur.

## 12. Ġbir ta' Skart kummerċjali.

Gruppi ta' ħwienet ser jikkuntatjawna biex iħallsuna, u aħna niġbrulhom l-iskart.
Is-Segretarju qal li din ir-responsabbilta hija tagħhom biss u l-Kunsill ma għandux joħroġ spejjes għal ġbir tal-iskart tagħhom.

## 13. Updates fuq attivitajiet u mawra tat-Taljani.

Il-prezzijiet għall-*accomodation* tal-*Bayview hotel* huma vera tajbin. Qegħdin biss €15 per person, kull lejl.

Bħala skola huma jixtiequ I*nLingua* fil-lokalita ta' Tas-Sliema.

Ser ikunu b'kollox dsatax-il persuna, li sittax minnhom huma student. Ser idumu bejn id-19 ta' Ġunju u 3 ta' Lulju 2016.

## *14. Connecting Through Cultures.*

Is-Sindku qal li ntbgħatu l-ittri lill-Ambaxxati, u li l-istess Ambaxxati ikkonkorrew sew. Ġew għal laqgħa bosta rappreżentanti.

Is-Segretarju innota li ser ikun qiegħed jirrevedi l-*cost sheet*, sabiex id-Dipartiment ikun infurmat kif ser jitqassmu l-ispejjes meta l-attivita' ssir fuq ġurnata waħda biss minflok jumejn.

## 15. Dwal dekorattiv ta' Triq ix-Xatt.

Għandna żewġ kwotazzjonijiet ta' Noel Borg:
€1250 - kirja għas sajf sħiħ
€1250 – tixtrieħ fustun (tkun trid iżżid it-twaħħil)

Għandna ukoll kwotazzjoni ta' Joe Borg:
€1444 (bla twaħħil)
€2229.35 (bla twaħħil)

Il-Laqgħa ntemmet fis- 7.30pm

_IFFIRMATA_
Max Zammit
Sindku

IFFIRMATA_________
Matthew Dimech
Aġent Segretarju Eżekuttiv